Noti ta' Spjegazzjoni għan-Nomenklatura Magħquda tal-Unjoni Ewropea

(2012/C 187/06)

Skont l-Artikolu 9(1)(a), it-tieni inċiż, tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni [1], in-Noti ta' Spjega għan-Nomenklatura Maqgħuda tal-Unjoni Ewropea [2] huma emedati kif ġej:

It-test li ġej għandu jiddaħħal f'paġna 374:

"**8714 99 50 Gerijiet derailleur**

Gerijiet derailleur ta' din is-sottointestatura huma mekkaniżmi li jippermettu lil katina ta' rota sabiex tiġi mċaqalqa fuq l-isprokits ta' quddiem jew fuq l-isprokits ta' wara. Sett komplut tal-gerijiet derailleur normalment jikkonsisti f'mill-inqas derailleur wieħed (ta' quddiem jew ta' wara, ara l-istampi) u lieva għall-bdil ikkollegata mad-derailleur b'kejbil. Meta rikkieb jopera l-lieva filwaqt li jaqdef, il-bidla fit-tensjoni tal-kejbil iċċaqlaq id-derailleur minn naħa għall-oħra, u tqiegħed il-katina fi sprokits differenti.

Din is-sottointestatura tkopri wkoll derailleurs ta' quddiem jew ta' wara ippreżentati separatament kif ukoll settijiet magħmulin minn dawn id-derailleurs b'kejbils jew lievi għat-tibdil mhux immuntati. Madankollu, ippreżentati separatament, il-lievi tat-tibdil u l-kejbils għandhom jiġu kklassifikati fis-sottotitolu 8714 99 90 bħala partijiet.



Derailleur ta' quddiem



Derailleur ta' wara"

---

[1] ĠU L 256, 7.9.1987, p. 1.
[2] ĠU C 137, 6.5.2011, p. 1.